**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can )**

**Appell Numru: 25 / 2020**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs.**

**Daniel Orsini**

Illum, 7 ta' Frar, 2023,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Daniel Orsini ta' 50 sena, iben Alfred u Rose Marie nee' Vella, imwieled Pieta', fis-07 ta' Jannar, 1970, residenti Salvatore Bastion, Dr 4, Triq Gdida fi Triq San Dwardu, Birgu, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 80270 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) :

Talli f' Lulju, 2016, u fix-xhur ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda,

1. b' mezzi kontra il-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b' qerq iehor, ingann, jew billi wrejt haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqalt tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamilt qligh ta' aktar minn hames mitt euro (€500) izda mhux aktar minn hamest t' elef ewro (€5, 000), ghad-detriment ta' Cospicua Boating Group u / jew James O' Flaherty id. 618556 M u / jew Anthony Manicaro id. 639862 M u / jew Mary Grace Manicaro id. 514262 M u / jew HSBC Bank Malta plc;

2. Bi hsara ta' haddiehor ghamilt qliegh iehor b' qerq ghad-detriment ta' Cospicua Boating Group u / jew James O' Flaherty id. 618556 M u / jew Anthony Manicaro id. 639862 M u / jew Mary Grace Manicaro id. 514262 M u / jew HSBC Bank Malta plc;

3. aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b' falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi ghad-detriment ta' Cospicua Boating Group u / jew James O' Flaherty id. 618556 M u / jew Anthony Manicaro id. 639862 M u / jew Mary Grace Manicaro id. 514262 M u / jew HSBC Bank Malta plc;

4. u talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamilt uzu minn dokumenti foloz ghad-detriment ta' Cospicua Boating Group u / jew James O' Flaherty id. 618556 M u / jew Anthony Manicaro id. 639862 M u / jew Mary Grace Manicaro id. 514262 M u / jew HSBC Bank Malta plc.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 t' Ottubru, 2022, fejn il-Qorti wara wara li rat l-artikoli 18, 308, 309, 310 (1) (b), 183, 184, 532 A, 532 B, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat Daniel Orsini **mhux hati** tat-tielet imputazzjoni, sabithu **hati** tal-ewwel, tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni u kkundannah ghal piena ta' prigunerija sentejn li bl-applikazjoni tal-artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin mid-data ta' din is-sentenza. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ghal finijiet ta' piena, din il-Qorti ikkunsidrat li dan ir-reat jikkostitwixxi reat kompriz u involut fir-reat mertu ta' l-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28 A (4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28 B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f' dan il-kaz, din il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Daniel Orsini minnu pprezentat fit-8 ta' Novembru, 2022, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha ***tirriforma*** s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. N Lia tal-24 ta' Ottubru,

2022 billi ***tikkonfermaha*** fejn ma sabitux hati, u **thassarha u tirrevokaha** fejn sabitu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena jew, f' kaz li din il-Qorti thoss htiega li tikkonferma s-sejbien ta' htija, tirriformaha s-sentenza u tvarjaha in kwantu l-piena billi minflok il-piena nflitta tissostitwixxi ghall-istess piena, piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat illi l-aggravji tal-esponenti huma s-segwenti:

i) **Il-fatt wahdu li l-esponent gie akkuzat bi truffa ghax allegatament uza *cheque* b' firma wahda flok b' zewg firem, se mai, huwa att preparatorju u mhux bidu ta' ezekuzzjoni tal-kommissjoni tar-reat ta' truffa**.

L-esponent jemmen li jekk ha jigi ammess (haga li huwa jichad bis-sahha kollha) li kien huwa li konxjament uza c-cekk b' firma wahda, tali ghemil kien jammonta biss ghal att preparatorju. Konsegwentement agir li ma ghandu jgorr ebda responsabilita kriminali.

Tajjeb jinghd ghall-kompletezza li hadd, imkien ma xehed jew ingiebet il-prova li xi hadd, x' imkien sofra centezmu dannu minhabba l-allegat agir ta' Orsini. Hadd. Ma kien hemm ebda vittma.

ii) **Ma seta' qatt ikun hemm sejbien ta' htija li uza konxjament dokument iffalsifikat semplicement ghax id-dokument kellu firma wahda flok tnejn**.

L-esponent jaghmel referenza ghall-gurisprudenza u ghad-diversi awturi dwar il-falsifikazzjoni. Imkien, hadd ma jista' jasal ghal konkluzjoni legali u gusta li hrug ta' cekk huwa iffalsifikat ghax ghandu firma wahda flok tnejn.

Dan minbarra l-punt li l-appellant Orsini bil-kariga li kellu u jhaddan bhala Segretarju Generali fi hdan l-ghaqda kellu dritt biex jiffirma fuq ic-cekkijiet skond l-istess Statut tal-Ghaqda stess.

U galadarba ma hemm ebda falsifikazzjoni semplicement ghax ic-cekk kellu firma wahda flok tnejn ma jista' qatt ikun hemm id-delitt ta' uzu konxju ta' dokument falsifikat.

iii) **Ma seta' qatt ikun hemm sejbien ta' htija li *__uza__* konxjament dokument iffalsifikat ghax ma hemm ebda prova li kien jaf li kien iffalsifikat**.

L-esponent umilment jissottometti li ma hemm ebda prova fil-process li turi, *beyond reasonable doubt*, li huwa kien konxju jew missu kien konxju li d-dokument kien iffalsifikat. L-esponent kif ha jkun qed juri f' aggravju iehor, huwa tal-fehma li hrug ta' cekk b' firma wahda qatt ma jista' jammonta ghal falsifikazzjoni.

U jekk ghall-grazzja tal-argument, isir l-argument *ex adverso* li l-falsifikazzjoni hawnhekk tinsab f' firma iffalsifikata, l-esponent jissottometti li ma hemm ebda prova u ma ingiebet ebda prova li Daniel Orsini kien jaf, kien induna, missu induna li l-firma kienet falza jew falsifikata.

Wara kollox, hadd m' hu tenut jaghmel u jkun jaf l-impossibbli u meta persuna jigiha f' idejha cekk, iktar u iktar jekk dik il-persuna jaghddu minn idejha ammont mhux zghir ta' cekkijiet fil-kors tal-gimgha, zgur hadd ma jippretendi li hija toqghod taqbad microscope biex tara l-firma fuq kull cekk halli tara jekk ikunx hemm xi haga stramba.

Min minna lkoll, meta jigi f' idejh cekk joqghod jara l-firma jekk taqbilx m' ohra jew ma' ohrajn?

Infatti l-anqas il-Prosekuzzjoni jew il-Qorti ma hassew htiega li l-firma tigi ezaminata minn espert tal-kaligarafija biex jigi konkluz jekk il-firma saritx jew le mill-appellant Orsini innifsu, kif dejjem stqarr huwa stess li qatt ma kien ghamel dik il-firma. Il-provi akkwiziti quddiem l-Ewwel Qorti ma jitfghu ebda dawl fuq dan u allura jsegwi li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tikkonkludi li kien hemm htija fuq uzu xjenti ta' dokument falsifikat.

Bis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti marret kontra l-princioju naturali ta' *nemo ad impossibilia tenetur*.

Forsi tajjeb li l-esponent jissottometti fil-qosor hafna l-essenza tar-reat tal-falsifikazzjoni.

Ftit punti dwar dak li suppost huwa pacifiku dwar x' jikkostitwixxi d-delitt tal-falsifikazzjoni, fuq liema delitt jibbaza ruhu ovvjament id-delitt ta' **<u>uzu</u>** ta' dokument falsifikat.

Forgery hija maghrufa li skond **Blackstone** hija "*the fraudulent making or alteration of a writing to the prejudice of another man' s right*".

**Pessina** huwa ikkwotat mill-Prof Mamo fin-noti tieghu dwar il-falsifikazzjoni li dan id-delitt jinqasam fi tnejn: a) *alterazione* u b) *contraffacimento*.

Fid-**Dritt Ruman** insibu li "*non punitur falsitas in scriptura quae non solum non nocuit sed nec erat apta nocere*".

Huwa pacifiku wkoll li fejn si tratta ta' falsifikazzjoni fi skrittura privata (bhal cheque), il-***possibilita*** ta' pregudizzju lid-drittijiet ta' terzi huwa essenzjali. Fil-fatt awturi kontinentali jiddistngwu bejn l' *attitudine ad ingannare* u *la possibilita del danno o di un pregudizio*. Jista' iva ikun hemm *l' attitudine ad ingannare* pero' ma jkunx hemmx fl-istess att *la possibilita del danno*.

Issa huwa fatt baziku li cekk b' firma wahda flok bi tnejn ma ghandux *la possibilita del danno* ghax min natura tieghu jfisser li l-bank (li tramite bank bilfors irid jaghddi cheque) awtomatikament u immedjatament iwaqqfu u jzommu.

Fi kliem Kenny: "*a forgery is a document which not only tells a lie but tells a lie about itself*". Fil-fatt awturi Taljani bhal Manzini u Antolisie jghidu li l-falsifikazzjoni trid tissussti fil-*materialita della scrittura*. Irid ikun hemm jew alterazzjoni jew contrafficemento biex ikun hemm il-falsifikazzjoni.

Fil-falz, id-dokument ma jkunx genwin u ma jkunx awtentiku.

Stabiliti dawn il-principji fil-qosor hafna, fil-qosor anke ghaliex l-esponent ma jridx li jigi akkuzat li qed jinsulenta l-intelligenza tal-Qorti t' Appell Kriminali, l-esponent ser jorbot dawn il-principji mal-fatti tal-kaz tieghu.

M' huwiex kontestat li l-esponent ma ghamel ebda alterazzjoni u lanqas *contraffacimento* ta' xi cheque. Imkien. Qatt.

M' huwiex kontestat li c-cheques in kwistjoni b' firma wahda flok tnejn u esebiti mill-Prosekuzzjoni u li skond l-Ewwel Qorti kellhom iwasslu ghal sejbien ta' htija ta' uzu xjenti ta' dokument falsifikat, kienu genwini u

awtentici u allura l-uzu taghhom ma setax kien delitt (galadarba ma kienux dokumenti iffalsifikati). Mela zgur ma kienux iffalsifikati.

Ghandu jkun pacifiku, jissottometti l-esponenti, li l-fatt wahdu ta' *cheque* b' firma wahda flok bi tnejn ma jwassalx biex jinghad li kien dokument *telling a lie about itself* u ghaldaqstant zgur mhux ghalhekk iffalsifikat.

Zgur li Daniel Orsini ma ghamilx *the fraudulent making or alteration of a writing.*

Zgur li imkien ma hemm nitfa prova li turi li Daniel Orsini kien jaf li meta kien qed juza ic-cheques immmarkati mill-Ewwel Qorti u mill-Prosekuzzjoni huwa kien jaf jew missu kien jaf li kien dokument iffalsifikat.

Fl-ahharnett l-esponent jaghmel referenza a fol. 36 tal-process fejn hemm esebit cekk mahrug lil certu O' Flaherty cekk numru 33 datat 13.7.16 fl-ammont ta' €304.

Issa f' dan ic-cekk hemm il-kliem "*Wayne*" miktuba fuq wara tac-cekk.

Jekk wiehed jara fol. 105 tal-process, fejn hemm il-kontro ezami ulterjuri ta' James O' Flaherty, kien l-istess O' Flaherty li ammetta u ddikjara li kien hu li kiteb il-kliem "*Wayne*" peress li meta kien jircievi cekk minghand klijent hu kien jikteb ismu fuq wara.

Imbaghad a fol. 106 tal-process hemm id-dikjarazzjoni skjetta ta' O' Flaherty in kontro ezami li l-kliem "*O' Flaherty four hundred ieghty five euro*" kienet kaligrafija tieghu.

Allura kif qatt seta' jinstab hati Orsini li kien hu li ikkommetta truffa ghad-dannu ta' O' Flaherty? Jista'qsi umilment l-appellant. Mela isegwi naturalment li dan ic-cekk ghadda fil-pussess ta' O' Flaherty minn dan Wayne u mhux minn Orsini.

**iv) Ma seta' qatt ikun hemm sejbien ta' htija taht l-art.308 tal-Kap.9 ghax l-akkuzat ma ghamel ebda qligh u fil-fatt m' hemm ebda prova li ghamel centezmu qligh**

Bla pregudizzju ghas-suespost, l-appellent jissottometti li galadarba huwa principju bazilari fil-ligi tad-delitt ta' truffa, kif anke l-Ewwel Qorti stess ikkonkludiet minn rassenja ta' sentenzi li hija ikkowtat, biex ikun hemm it-truffa jehtieg jigi ippruvat li l-agent ikun ghamel qligh ghalih innifsu, u peress li l-akkuzat Orsini la ghamel centezmu qligh u lanqas hemm xi prova li ghamel xi qligh, konsegwentement qatt ma seta' jinstab hati ta' truffa. Anzi, jekk xejn, hemm il-prova li hareg il-flus mill-but hu biex jibza ghar-reputazzjoni tal-Ghaqda li taghha kien Segretarju.

Kienet l-Ewwel Qorti stess li, korrettement, qalet fuq dan l-element li f' **The Police vs Konstantin Alexander Anastasiou** **(2020)** "*an actual unjust gain must have actually been made*".

Kienet l-Ewwel Qorti stess li ikkwotat **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra** **(2012)** li "*l-uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali.*".

Kienet l-Ewwel Qorti stess li iccitat is-sentenza magistrali tal-Imhallef Lino Agius f' **Il-Pulizija vs Charles Zarb (22 ta' Frar, 1993)** sedenti din l-Onor

Qorti li "*sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, **<u>jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor</u>**.*".

Daniel Orsini ghalhekk jissottometti li la huwa ma ghamel **ebda** qligh u lanqas hemm xi prova li huwa ghamel xi qligh, hemm element essenzjali nieqes fid-delitt ta' truffa li l-Ewwel Qorti sabitu hati tieghu.

**v) Ma seta' qatt ikun hemm sejbien ta' htija taht l-art. 308 tal-Kap.9 ghax se mai jirrizulta *<u>t-tentattiv</u>* ta' truffa u mhux id-delitt ikkunsmat.**

Bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jemmen li kienet skorretta legalment l-Ewwel Qorti meta qalet:

> "*Dan kollu, ghal din il-Qorti, juri li l-imputat ipprova jwettaq ir-reat ta' truffa. Effettivament ir-reat gie kkonsmat peress li c-cekkijiet gew imsarrfa, izda mbaghad gew reversed meta gie senjalat lill-bank dak li jsejjahlu "suspected fraud".*"

Fil-fehma tal-esponent appellant dan, se mai, huwa textbook case ta' tentattiv ta' truffa fl-aghar ipotezi. Zgur ma hemmx il-kommissjoni tar-reat ta' truffa.

Mela l-Ewwel Qorti fl-istess nifs li tikkwota sentenza **The Police vs Konstantin Alexander Anastasiou (2020)** tghid li "*an actual unjust gain must have actually been made*" biex ikun hemm id-delitt ta' truffa biex imbaghad tiddikjara hawnhekk li kien hemm truffa ikkunsmata semplicement ghax ic-cekkijiet imsarrfa imbaghad gew reversed **immedjatament** mill-bank.

Jekk ma dan mhux il-kliem tal-art.41 tal-Kodici Kriminali "*minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu*", x' inhu? isaqsi umilment l-esponent.

Meta l-Ewwel Qorti qalet u iccitat hi stress is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ta' **<u>Il-Pulizija vs Marjanu Zahra</u> (2012)** li "*' l' uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali.*" izda fil-provi u mill-provi li fuqhom strahet l-Ewwel Qorti ghal sejbien ta' htija ma jirrizulta ebda telf patrimonjali, kif qatt seta' jkun hemm id-delitt ikkunsmat ta' truffa?

Meta l-ewwel Qorti iccitat is-sentenza magistrali tal-Imhallef Lino Agius f' **<u>Il-Pulizija vs Charles Zarb</u> (22 ta' Frar, 1993)** sedenti din l-Onor Qorti li kien hammel il-pedamenti tal-elementi tad-delitt ta' truffa sa minn zmien ir-Rumani u l-Codice Sardo, biex jghid hekk fuq dan il-punt:-"*sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, **<u>jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor</u>**.*", zbaljat l-Ewwel Qorti allura meta ikkonkludiet htija tal-appellent abbazi ta' truffa ikkunsmata meta la ghamel qligh u lanqas sofra hsara haddiehor.

Fl-istess sentenza magistrali tal-Imhallef Lino Agius li l-Ewwel Qorti iccitat b' approvazzjoni, jintqal hekk fuq dan l-element essenzjali:

> *"L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm lelement intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b' dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Issa l-appellant jissottometti li fil-kaz tieghu huwa ma ghamel ebda qligh. Xejn.

Terga' u tghid, l-Ewwel Qorti iccitat il-bran tas-sentenza tal-Imhallef Lino Agius msemmija fejn jinghad hekk:

> *"Illi f' sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "**l' elemento del' danno patrimoniale**" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell' artificio, nella successive induzione in errore e nel**la conseguenziale produzione dell' ingiusto profitto** per l' agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179) "*

L-appellent jerga' jsostni: fil-kaz tieghu la kien hemm qligh, la kien hemm dannu ghal terz, u lanqas saret il-prova ta' qligh jew dannu. Dan johrog car mill-process. Allura kif qatt seta' jinstab hati tad-delitt ikkunsmat ta' truffa?

L-istess argument jaghmel l-appellant meta jara li l-Ewwel Qorti iccitat b' approvazzjoni s-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Fountain (**15 ta' Dicembru, 2011) :

> *"wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent"*

Galadarba l-qligh irid ikun konsegwenzjali ghall-qerq / ingann, u galadarba f' dan il-kaz ma kien hemm **ebda** qligh ghall-akkuzat, kif qatt seta' jinstab hati tad-delitt ikkunsmat ta' truffa?

vi) **Ma seta' qatt ikun hemm sejbien ta' htija taht l-art.308 tal-Kap, la d-delitt ikkunsmat u lanqas it-tentattiv ta' dan id-delitt, minhabba l-grossolonita tal-falz.**

Qabel ma jibda jesponi l-argument tieghu fuq dan l-aggravju, l-esponent qed jaghmilha cara li ghalih hija konvinzjoni ferma li hrug ta' cekk b' firma wahda flok bi tnejn **mhux** kaz ta' falsifikazzjoni ghax ir-regoli ta' "*forgery*" assolutament ma japplikawx ghal tali fatt.

Hija assurdita legali li jigi argumentat, skond l-esponent, li dak li ahna mghallmin mill-awturi u mill-gurisprudenza dwar x' inhu *forgery* (fejn dokument jew jigi iffalsifikat *ex novo*, jew jghid a lie about itself jew jigi alterat il-kontenut fuq dak id-dokument b' *mens rea* partikolari) jigi applikat b' akrobazija straordinarja ghal kaz ta' cekk mahrug b' firma flok bi tnejn.

Dwar dan l-aggravju. bla ebda pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jemmen u jissottometti b' qima li meta jinhareg cekk b' firma wahda flok bi tnejn u l-bank jaccettah u jsarrfu, dan hu kaz fejn id-difiza tal-grossolonita tal-falz tapplika.

Galadarba qed nitkellmu fuq dokument privat u mhux att pubbliku, l-esponent jixtieq jissottometti li dan hu kaz tipiku fejn tapplika tali difiza ghax hu minn ewl id-dinja ghall-Bank u anke l-ghama ta' Geriko kien jinduna li cekk b' firma wahda flok bi tnejn ma kienx accettabbli u qatt ma kellu jkun inserit fis-sistema bankarju.

vii) **Ma seta' qatt ikun hemm sejbien ta' htija taht l-artiklu 308 tal-Kap.9 ghax la kien hemm raggiri u lanqas artifizi**.

Bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent appellant jirrileva li l-istess sentenza li iccitat l-Ewwel Qorti f' **<u>Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Abela</u> (15.12.2011),** fejn gie spjegat l-elementi differenti bejn l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, juri li se mai, *dato ma non concesso* li jkun hemm l-konvinzjoni morali li l-appellant kien hati ta' ingann jew qerq (haga li huwa jichad bis-sahha), kellu jkun applikat l-art.309 (frodi innominat) tal-Kap.9 BISS u mhux l-art.308 bhala li jinkludi fih l-art.309.

L-appellant ha juza l-istess argument tal-Ewwel Qorti kif enuncjat fis-sentenza li hija stress ikkwotat <u>ta'</u> **<u>Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Abela</u> (15.12.2011) :**

> *' Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati fl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.*
>
> *Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' raggiri jew artifizi -dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat) "*

Issa fil-kaz ta' Daniel Orsini, li huwa kaz fejn l-Ewwel Qorti qalet li kien jinvolvi hrug ta' cekk b' firma wahda flok bi tnejn, bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li dan jammonta ghal raggiri jew artifizio.

Kemm hu veru dan, li l-istess Ewwel Qorti ikkwotat lill-**Imhallef Flores** li f' sentenza tieghu qal hekk:

> *"Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."*

Issa fil-kaz ta' Orsini, fejn hu t-teatralita li trid il-ligi bl-uzu tal-kelma raggiri jew artifizi? Fejn hija l-*messa in scena* elaborata li biha inganna? Minn meta ' l hawn, isaqsi umilment Orsini, hrug ta' cekk b' firma wahda flok bi tnejn huwa teatrin, jew raggiro jew *messa in scena* kif iridu l-awturi ghal fini tal-art.308?

Jigifieri skond l-appellant, u dan jinghad b' qima, se mai kien kaz ta' sejbien ta' tentattiv ta' frodi innominat taht l-artiklu 309 u qatt ta' truffa.

**Il-*quantum* tal-piena, tenut kont ic-cirkostanzi kollha u l-ammonti involuti, huwa eccessiv**.

Semghet lill-partijiet jittrattaw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tal-24 ta' Jannar, 2023

Ikkunsidrat,

Illi f'dan ir-rikors tal-appell, l-apellant qed isostni fl-ewwel lok li qatt ma setgha jinsab hati tar-reat tar-reat ta' frodi taht l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex ma jirrizultaw l-ebda artifizji, raggiri jew *messa in scena* u ghalhekk ghandu jigi liberat u fit-tieni lok dejjem fir-rigward tal-ewwel akkuza li taghha instab hati jekk din il-Qorti ma tasalx biex tillibera lill-appellant ghandha issibu hati biss tar-reat inqas u cioe' ta' frodi innominat kif dispost fl-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Jghid ukoll l-appellant, li huwa ma ghamel l-ebda qliegh jew gwadann u ghalhekk ir-reat kif dispost fl-Artikolu 308 zgur li ma jista'x jirnexxi semmai isostni li jista' jirrizulta biss it-tentattiv u mhux ir-reat konsmat

Rigward it-tielet akkuza li taghha instab hati r-rikorrent appellant u cioe' li ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, r-rikorrent isostni li d-dokument konsistenti fi firma wahda ma jammontax ghal dokument falz

Dwar ir-raba' akkuza u cioe' li ghamel uzu minn dokument falsifikat r-rikorrent jghid li huwa ma kellux l-mens rea mehtieg ghall-esistenza ta' dan ir-reat u li ma kienx jaf li id-dokument kien falz.

In konkluzjoni jilmenta ukoll mill-piena imposta billi jghid li fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva.

Ghalhekk din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi imresqa f'dan il-process u dan sabiex tezamina l-agir tal-appellant fil-kwadru tar-reati moghtija fil-konfront tal-appellant.

**L-Ispettur Doriette Cuschieri** xehdet nhar l-24 ta' Frar, 2020, u spjegat li nhar is-16 ta' Settembru, 2016, ircevew rapport minghand Victoria u Martin Butters fuq allegat frodi ghad-detriment ta' Cospicua Boating Group. Is-Sinjuri Butters irraportaw illi ghal dan l-ahhar ghoxrin sena kien il-president u S-Segretarju tal-imssemi Cospicua Boating group u f'Marzu, 2001 kien hemm xi kambjamenti fil-membri tal-kumitat.

Tghid li kien gie mahtur bhala Segretarju l-appellant. Qalulha ukoll li f'Gunju, 2016, l-apellant ha *handover* tad-dokumenti finanzjarji ta' l-istess group. Din il-*handover* saret quddiem Dr Roberta Fenech u tghid li ghandha d-dokument fejn Daniel Orsini qed jiffirma li rcieva ic-cheque book, sew il-kontijiet, accounts u statements u cioe' dak kollu li jirrigwarda l-Cospicua Boating Group minghand Victoria Butters. Dan d-dokument hu esebit u markat bhala DOK DC1.[1]

Is-Sinjura Butters irraportat li ftit taz-zmien wara kien mar l-appellant fuq is-sur Butters sabiex jiffirmalu *appointment* of Bankers pero' dan ma qabadx u iffirma u iddecidew li ghandhom imorru l-Bank sabiex qabel jiffirmaw xi dokumenti jaraw li l-accounts tal—group kienu kif suppost. Fil-fatt meta is-Sinjuri Butters maru l-Bank dawn talbu ghal *statement of accounts* sa dak iz-zmien u cioe' sa Settembru, 2016 fejn irrizulta li huma kienu ghandhom is-signatories tal-grupp flimkien ma David Bartolo. Biex jinhareg cheque kien hemm bzonn mill-inqas zewg firmatarji minn dawn it-tlett persuni.

Qalulha li fl-istatement indunaw li l-appellant kien hareg numru ta' cekkijiet li ma kienux iffirmaw ghalihom Dan l-istatement tal-BOV gie esebit u markat bhala DOK DC2. Qalulha li fil-fatt setghu jaghmlu *stop payments* pero' kien hemm tlieta minnhom li kienu gja issarfu. Wiehed minn dawn it-tlett cekkijiet kien intestat lil xi hadd O' Flaherty datat 12 ta' Lulju, 2016 ghall-ammont ta' €488, cekk iehor f'isem l-istess O' Flaherty fl-ammont ta' €488 datat 13 ta' Lulju, 2016 u cekk iehor intestat lill-appellant stess datat 25 ta' Lulju, 2016 fl-ammont ta' €700. Dawn gew esebiti u mmarkati bhala DOK DC3[2]

---

[1] Fol. 28 tal-process

[2] Fol. 35 et seq

Min naha tal-Pulizija kienu baghtu *request* lil BOV biex jaraw kif isarfu dawn ic-cekkijiet u l-Bank infurmhom li c-cekkijiet gew imsarfa gewwa l HSBC Bank u kienu gew ritornati bhala '*fraud suspected.*' Hija esebiet ir-risposta tal-BOV kif ukoll kopja tac-cekkijiet li gew mmarkati bhala DOK DC4.[3]

Tghid li kienet intbaghtet ukoll *request* ohra lil HSBC biex ikkonfermaw jekk dawn ic-cekks kienux gew kaxjati ghand l-HSBC. L-HSBC tawhom ir-risposta taghhom fejn qalulhom li kien hemm zewg cekkijiet li gew depositati fil-kont ta' James O' Flaherty waqt li ic-cekk f'isem l-appellant kien gie depositat gewwa Business Current Account fl-ismijiet Anthony Manicaro u Mary Grace Manicaro Din ir-risposta giet esebita u markata bhla DOK DC5[4].

Minn hemmhekk l-Pulizija tkellmet ma James O'Flaherty li minn naha tieghu kkonferma li z-zewg cekkijiet kienu gew depositati fil-kont tieghu. Kien ikkonferma ukoll li kien ircevihom minghand l-appellant. Qal li l-appellant kien klijent tieghu u kien halsu bihom ghal xi xoghol li kien ghamillu.

Tghid li tkellmu ukoll mas-Sinjuri Manicaro. Is-Sinjura Manicaro kkonfermat li kienet irceviet ic-cekk minghand l-appellant ghal xi hwejjeg lik ien xtara mill-hanut taghhom. Gew mitklema ukoll Raymond Azzopardi u David Bartolo bhala membri ta' Cospicua Boating Group fejn dawn ikkonfermaw li fis-sena 2016 kien baghat ghalihom il-*branch Manager* tal-BOV Bormla fejn kien qalilhom li kienu inhargu xi cekkijiet li kellhom biss firma wahda. Jiftakru ukoll li kienu marru l-Bank flimkien mal-appellant u l-appellant

---

[3] Fol. 38 tal-process

[4] Fol. 41 ta' l-atti tal-process

kien ikkonferma li c-*cheque book* kien jinsab fil-pussess tieghu u li dawn ic-cekkijiet wisq probabli kien seraqhom xi impjegat li kellu fil-kumpanija personali tieghu.
In segwitu kien intalab mandat ta' arrest fil-konfront tal-appellant li ukoll qed jigi esebit u markat bhala DOK DC6[5]

L-appellant kien gie imsejjah fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija u wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu kien stqarr li huwa ghandu kumpanija li jisimha Chevron Services Limited u x-xoghol tieghu kien fuq id-dghajjes u adverts fit-toroq. Qal li kien ukoll CEO ta' Monte Christo Estates. Mistoqsi dwar is-socjeta Cospicua Boating Group jghid kien minn Marzu, 2016 huwa kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Generali ta' dan il-grupp. Konferma li kien fil-pussess tal-imsemmi cheque book li minnu hargu f'dawn id-diversi cekkijiet kif gja spejgat u li kienu gew imsarrfa. Mistoqsi fuq dawn ic-cekkijiet qal li ic-cheque book kien ihallih fil-garaxx u ghalhekk wisq propbabli gew misruqa minn impjeat tieghu li jismu Wayne. Mistoqsi sabiex itihom iktar dettalji fuq dan Wayne jghidilhom li kellu jigbor xi informazzjoni dwaru. Qalilhom li dan Wayne gieli kien jaghmel xi xoghol ghalih izda ma tantx kien jaf dwaru. Qalilhom li kien baghat ghalih il-Manager tal-BOV u kien qallu l-istess haga. Qal li s-Sinjuri O' Flaherty kien jafhom ghaliex gieli xtara xi xoghol minghandhom u lis-Sinjuri Manicaro jafhom ghaliex ibieghu xi laham.

Hija pprezentat ukoll l-istqarrija rilaxxjata mill-apellant li tinsab esesbita a fol. 13 et seq tal-proocess.

**Victoria Butters** xehdet nhar l-24 ta' Frar, 2020 u tghid li nhar is-16 ta' Settembru, 2016 kienet marret taghmel rapport fuq allegat frodi gewwa l-Kwartieri tal-Pulizija. Tghid li hija flimkien ma zewghha kienu l-fundaturi u President ta' l-Ghaqda tad-dghajjes u

[5] Fol. 43 tal-atti tal-process

f'Marzu, 2016 inbidel il-kumitat. Tghid li sa Marzu, 2016 huma kienu l-firmatarji flimkien mal-kaxxier li kien jismu David Bartolo ta' l-Ghaqda Cospicua Boating Group. Wara tghid li hija flimkien mar-ragel kienu marru l-Bank Of Valletta fejn kien hemm il-kont tal-Ghaqda u infurmawhom li ma ghadhomx President u Segretarju tal-Ghaqda u dan sabiex ikunu infurmati minhabba li kienu l-firmatarji tac-cheque book. F'Gunju, 2016 quddiem Dr Roberta Fenech u rapprezentanti tal-kumitat il-gdid fosthom l-appellant u Joseph Micallef hija irritornat lura d-dokumenti, minuti, cekkijiet li ma kienux iffirmati u rendikont tal-affarijiet tal-Ghaqda li kienu ghandhom fil-pussess taghha meta hija kienet ghadha segretarja. F'Settembru, 2016 mar l-appellant ikellem lir-ragel taghha b'karta f'idu biex jghidlu li l-Bank kellu bzonn il-firem taghhom.

Zewgha ma iffirmax id-dokument u qallu li kellu jara x'ried il-Bank. Huma marru l-Bank b'din l-ittra sabiex jivverifikaw dak li verament xtaq il-bank minghandhom. Din kienet karta biex jinhatru firmatarji godda Tghid li sa dakinhar huma kienu jidhru li huma ghandhom il-firmatarji. Dakinhar hadu *a closing down statement* sabiex ikun jafu f'xhiex qedin Hija ezaminat dan id-dokument u stqarret li f'Gunju, kienet irritrnat ic-*cheque book* u ghalhekk staghbet kif kien hemm cekkijiet li hargu f'Lulju, u dan f'isem l-Ghaqda meta huma ma ffirmaw l-ebda cekk. Gie l-Manager bic-cekkijiet u rat li xi hadd kien ipprova jimita l-firem taghhom proprju ta' zewghha Martin Butters. Qalet li l-Manager tahom kopja ta' dawn ic-cekkijiet u qailhom li kien kaz ta' frodi. Qalilhom illi barra minn hekk skond l-istatut kull cekk ghandu jkun iffirmat minn zewg firmatarji. Il-manger tal-Bank talabhom jaghmlu rapport ghand l-Economic Crime u ghalhekk marru id-depot u tkellmu mal-ex spettur Jonathon Ferris. Murija id-dokument DC1 tghid li dik hija l-lista li kienu pprezentaw quddiem Dr Roberta Fenech fil-presenza tal-kumitat meta kienu gew mahtura l-appellant u Joseph Micallef. Murija id-DOK DC2 tghid li dan hu *stop payments* li huma ghamlu fuq il-kont. DOK DC3 huma l-kopji li inghataw lilhom mill-Bank u tghid li ma kellhiex x'taqsam mal-hrug taghhom Ix-xhud gharfet lill-appellant fl-awla. Tikkonferma li kien hemm zewg cekkijiet li kienu

gew *endorsed* minn xi hadd O' Flaherty u wiehed mic-cekkijiet ma kienx gie imsarraf ghaliex ma kienx hemm fondi bizzejjed

**Martin Butters** xehed nhar l-24 ta' Frar, 2020 u stqarr li huwa kien jokkupa l-kariga ta' President tal-Ghaqda Cospicua Boating Group sa Marzu, 2016. Jghid li kienu marru l-Bank u dawn qalulhom li issa ma kellhomx izjed x'jaqsmu mal-finanzi ta' l-Ghaqda izda kellhom jiehdu hsieb il-kumitat il-gdid. Qal li l-kumitat il-gdid kien maghmul minn l-appellant, Joe Micallef u David Bartolo L-appellant kellu l-kariga ta' Segretarju. F'Gunju, kienet baghtet ghalihom l-avukat tal-Ghaqda Dr Roberta Fenech izda huwa ma marx. Jghid li kienet marret il-mara u ghaddietilhom l-affarijiet kollha li kelhom tal-Ghaqda

F'Settembru, kien mar l-appellant fuqu u talbu jiffirma karta u qallu biex jarha u qallu li ma kienx dispost li jiffirmaha. L-ghada mar il-Bank mal-mara u staqsiha jekk il-kont kienx ghadu fuq isimhom u l-iskrivan kkonfermalu li kien ghadu jaghjjat lilu. Jigifieri l-kumitat l-gdid ma kienx ghadu dawwar xejn fuq ismu, l-kont baqa' jaghjjat lil Ghaqda u huma baqghu l-firmatarji tieghu. La kien ghadu fuq isimha setghu jitolbu *statement of accounts* u hekk ghamlu. Jghid li l-ahhar tlett entries fl-istatement dehru li kienu tlett cekkijiet li ma kienx hareg hu. Fil-fatt jghid li fuq wiehed minnhom lanqas l-isem Butters ma hemm izda Buttons. Jghid li l-Bank tah fotokopja tac-cekkijiet. Qal li huwa qatt ma kien iffirma dawn it-tlett cekkijiet u qalulu biex imur l-ghassa jaghmel rapport fuq frodi.

Mistoqsi jekk jaghrafx lill-appellant jghid li jafu. Muri DOK DC1 jghid li dan hu l-fthiem li gie redatt quddiem Dr Robeta Fenech, DC2 ghandu l-firma tieghu, DC3 huwa l-istatement li kien ra f'idejn il-Bank u muri ic-cekkijiet jghid li ma hemmx il-firma tieghu fuqhom. Ikkonferma li kienu fethu l-kont fil-Bank xi sentejn qabel u li kemm hu

kif ukoll martu kienu firmatarji flimkien mal-kaxxier David Bartolo. Kienu ilhom f'din l-Ghaqda ghal madwar ghoxrin (20) sena.

**James O' Flaherty** xehed nhar l-24 ta' Frar, 2020 u spjega li kien gie imsejjah id-Depot tal-Pulizija rigward zewg cekkijiet u intalab jaghti spejga dwarhom. Qal li dawn iz-zewg cekkijiet inghataw lilu mill-apellant bhala pagament ta' materjal ikkonsenjat lilu fuq fattura. Qal li kellu kumpanija li kienet timmanifattura Kien jissupplixxi materja prima fuq is-suq lokali. Dawn iz-zewg cekkijiet inghataw lilu minhabba xoghol ta' tapizzerija u materjal konsenjat lill-appellant. Mistoqsi jekk jafx lill-appellant jghid li jafu bhala klijent tal-hanut gestit minu. Muri id-dokument markat bhala DOK DC3 jghid li kien cekk moghti lilu fuq xoghol li kien ha l-appellant. Il-kitba, l-kaligrafija ta' fuq ic-cekk huma tieghu izda l-firma ma hiex tieghu. Dan kien *blank cheque* u tahulu *over the counter* biex jimlih hu. Qal li l-firma kienet hemm ma jafx ta' min hi. Huwa kemm mela l-kontenut tieghu. It-tieni cekk ma ghandux l-kaligrafija tieghu. Wisq probabli intela '*across the counter* dak il-hin u kien gie moghti lilu mill-appellant. Qal li huwa ma kienx sarraf dawn ic-cekkijiet izda kien iddeposithom fil-kont bankarju tieghu. Mistoqsi jekk xi hadd tkellmu dwarhom jghid li l-Bank kien irrivershom jigifieri bhala *debit credit* ma baqgux validi fil-kont. Qalli kien imbaghad cempel lill-appellant u qallu li l-Bank ma accettax ic-cekk u l-appellant tah flus kontanti.

Dak iz-zmien kien imexxi negozju hanut jimporta u jbiegh materja prima. Lill-appellant kien ilu jafu diversi snin Mistoqsi jekk jafx li l-appellant kellu xi impjegati mieghu jghid li ma jafx. Mistoqsi jekk setghax kien il-kaz li l-appellant baghat lil xi hadd bic-cekkijiet biex ihallas ghal materja jghid li ma jiftakarx.

In kontro ezami nhar il-5 ta' Frar, 2021 xehed u kkonferma li l-hanut li minnu kien jopera kien jirrigwarda biegh ta' materja prima u kienu jaghmlu tapizzerija ta' dghajjes. Jikkonferma li l-appellant kien klijent regolari tieghu, Normalment kien ihallas bi flus kontanti. Mistoqsi jekk Daniel kellux xi impejgati jghid li ma jafx u lanqas jekk kellux

xi *sub coontracators* ma jaf. Mistoqsi jekk jafx min huma Wayne, Jeffrey u ragel Rumen mgharuf bl-isem Adrian jghid li jaf tnejn minnhom u cioe' lil Jeffrey u lil Adrian. Muri fol. 35 tal-process hemm id DOK DC3 u kkonferma li l-kaligrafija fuq dak ic-cekk hija tieghu waqt li fuq ic-cekk l-iehor fejn hemm miktub €304 jghid li mhiex il-kaligrafija tieghu. Jikkonferma li fil-hanut tieghu kienu ikunu erba' minn nies mal-counter u ghalhekk mhux bilfors li kienu hu li qieghda min kien mar bic-cekk. Qal li kemm hu kif ukoll l-impjegati tieghu kellhom ordni biex jekk ic-cekk li jsir il-hlas bih ma jkunx ta' dak li jkun kienu jiktbu l-isem fuqu. F dan il-kaz hemm l-isem ta' Wayne. Mistoqsi allura jekk il-kaligrafija fuq ix-cheque hux ta' wiehed mill-haddiema tieghu jghid li ma jafx. Ikkonferma pero' li lill-appellant qatt ma rah jikteb fuqhom. L-impjegati tieghu kienu kollha full timers. Qal li l-ahhar cekk fejn mhemmx il-kaligrafija tieghu qal li wisq probabli ma kienx hemm jew kien fl-ufficcju. Xoghlu ma kienx mal-counter. Jghid li min tah dan ic-cekk ma jafx ma jiftakarx. L-ewwel cekk wisq probabli kien prezenti ghax jaghraf il-kaligrafija tieghu pero' meta gie prezentata it-tieni wiehed zgur li ma kienx ghandu. Mistoqsi allura jekk setghax ma kienx l-appellant li gie bit-tieni cekk jghid li jista' jkun zgur li ma jiftakarx min kien mar.

**David Bartolo** xehed nhar is-26 ta' Mejju, 2021 u jghid li jiftakar li kienu baghtu ghalih id-deport fuq xi kwistjoni li ghandha x'taqsam ma xi cekkijiet ta' Cospicua Boating Group. Jghid li huwa kien il-kaxxier dak iz-zmien ma Martin Butters u l-mara tieghu Victoria. Qal li kienu t-tlieta li setghu jiffirmaw ic-cekkijiet. Qal li peress li ma kienx jaf jikteb kien halla c-cekkijiet ghand Martin Butters. Qal meta kien ikun bzonn li cekk jigi format dan Martin kien jghidlu u kien jghidlu li seta jiffirmaw hu ma martu. Kienu tlett firmatarji pero' kul cekk kellu bzonn zewg firem biex jissarraf. Qal li imbaghad Martin Butters u martu kienu irrizenjaw u kien gie formulat kumitat gdid. Qal li huwa kien intriga biex ikun Prsident u mieghu kien hemm certu Raymond u l-appellant li jafu bhala Danny. Qal li l-appellant kien mar jigbor ic-cheque book minghand Martin Butters flimkien ma xi oggetti ohra proprjeta tal-Ghaqda.

Xi zmien wara jghid li kien baghat ghalihom il-Manager tal -BOV ta' Bormla u qalilhom li kien hemm xi haga hazina u qal li l-Bank zamlu l-flus kollha anke dawk tieghu personali. Il-Manager qalilhom li kien hareg xi cekk b'firma wahda minflok tnejn. Il-Manager ried ikun jaf ghand min kien jinzamm ic-cheque book u dahal Daniel u qal li hu kien responsabbli ghac-cheque book. Imbaghhad jaf li talbu ir-rizenja ta' l-appellant mill-kariga tieghu ta' Segretarju mill-Ghaqda fuq parir tal-management tal-Bank. X'gara imbaghad bejnu u bejn il-Manager ma jafx. Mistoqsi jekk kienx jara ic-cekkijiet li kienu johorgu l-konjugi Butters mill-kont tal-Ghaqda jghid li le. Mistoqsi kemm kien l-ammont fuq ic-cekkijiet li hargu jghid li ma jafx. Li jaf hu mill-management tal-bank li l-flus ma hargux mill-kont u cioe' dawk li suppost hargu mic-cekkijiet. Jghid li ghal bidu l-appellant kien membru biss ta' din l-Ghaqda u kien ilu membru ghal xi tmien snin. Jghid li l-appellant kien jaf li kul cekk kellu ikollu zewg firem sabiex ikun jista' jissarraf Qal li maz-zmien pero' l-appellant ha r-rwol ta' Segretarju tal-Ghaqda Ikkonferma li l-appellant kien elett darbtejn ghal din il-kariga ta' Segretarju. Jghid li wara dan l-incident l-appellant ma baqax b'xi kariga izda spicca semplici membru tal-Ghaqda.

**Raymond Azzopardi** xehed nhar is-26 ta' Mejju, 2020 u stqarr li jiftakar li kienu baghtu ghalih il-Pulizija biex imur ikellimhom fejn kien gie msitoqsi xi domandi fuq xi cekkijiet. Qal li minn dak in-nhar kien ghada minn trauma u ma tantx jiftakar dak li kien qal. Huwa esebixxa *statement* li kien ta' lill-Pulizija. Ili jinghad li din id-dikjarazzjoni markata bhala DOK RA1 mhiex xhieda ammissibli u dan ghaliex ix-xhieda fi proceduri kriminali ghandha tinghata *viva vice* il-Qorti. Ghalhekk din il-Qorti sejra tiskartaha. Li kieku ix-xhud xehed minn rajh u ghamel referenza ghad-dikjarazzjoni rilaxxjata minnu l-istorja kienet tkun ferm differenti.

**Joanna Bartolo** xehdet nhar it-2 ta' Gunju, 2020 u murija id-DOK markat bhala DOK DC4 tghid li din hija risposta li baghat il-Bank fuq *request* maghmula lilhom mill-

Pulizija datat 16 ta' Frar, , 2017 u tikkonferma l-kontenut taghha. Dawn ic-cekkijiet kienu gew imwaqfa u qatt ma gew prezentati fuq il-counters tal-BOV. Waqt li kien hemm tlett cekkijiet li kienu gew imsarfa u *returned as suspected fraud* mill-BOV nhar it-28 ta' Settmebru, 2016 wara rapport li sar mill-kwerelanti f Cospicua Branch. Hija ghan nom tal -BOV ipprezentat *statement* ta' Cospicua Boating Group mill-1 ta' Jannar, 2016 sal-31 ta' Dicembru, 2016 ejnjuri effettivament ic-cekkijiet 1833 u 1839 imsarfin f'Lulju, Fis-26 ta' Lulju, 2016 regghu gew kreditati fil-kont jigifieri gew ritornati lura l-HSBC fit-28 ta' Settembru, 2016.

DC 2 huwa l-istess statement mahrug mill-Bank u jkopri minn l-1 ta' Jannar, 2016 sas-16 ta' Settembru, 2016. L-istatement taghha gie markat bhala DOK JB1. Il-kumplament ta' DOK DC2 huwa *stop payments instructions* fuq ic-cekkijiet li gew imwaqfa DOK DC3 huma kopji tac-cekkijiet li kienet qed titkellem dwarhom enumerati 1833 u 1839.

**Dr Roberta Gauci ex Fenech** xehdet nhar it-2 ta' Lulju, 2016 u murija id-dokument DC1 tghid li dak hu redatt minnha bhala xoghol il hija ghamlet ghal Cospicua Group. Qalet li Daniel kien iffirmah quddiemha u l-istess ghamlet Victoria Butters bhala *out going secretary*. Hija ghamlet *witness to signature*. Mistoqsija jekk tgharafx lill-akkuzat tghid li tafu bhala Daniel Orsini. Qalet li kemm l-appellant kif ukoll Victoria Butters iffirmaw fuq dan id-dokument quddiemha.

**Marvic Vella** xehdet nhar it-2 ta' Lulju, 2020 in rappresentanza tal-HSBC u murija id-dokument DC5 tghid li dik hija ittra li kienet iffirmat hi stess meta kienet giet mistoqsija mill-Bank BOV fuq tlett cekkijiet depositati.. Spjegat li c-cekk numru 18 datat 12 ta' Lulju, 2016 mahrug mic-cheque book ta' Cospicua Boating Group huwa f'isem O' Flaherty ghall-ammont ta' €480 kien gie depositat fil-kont HSBC numru 02706162001 skond id-dokument MV1. It-tieni cekk illi tat *image* tieghu hu markat bhala DOK MV2 igib in-numru 33 mahrug mill-istess kont tal-Cospicua Boating Group f'isem O' Flaherty ghas-somma ta' €304 datat 25 ta' Lulju, 2016 waqt li it-tielet cekk huwa intestat

f'isem Daniel Orsini ghall-ammont ta' €700 mahrug minn Cospicua Boating Group u depositat fil-kont HSBC kont kurrenti 087138178021.

Spjegat li l-ewwel u t-tieni cekk gew depositati fil-kont ta' James O' Flaherty *traded as leather trade supplies*, l-ahhar wiehed gie depositat fil-kont ta' Anthony u Mary Grace Manicaro.

**Mary Grace Manicaro** xehdet nhar it-2 ta' Lulju, 2020 tikkonferma li l-appellant kien mar ghandhom u hallas permezz ta' cekk li kien gie muri lilhom. Tghid li Orsini kien mar bih ghandhom pero' ic-cekk kien gja iffirmat meta gie prezentata lilhom. Mistoqsija x'ghamlet b'dan ic-cekk tghid li ddepositatu l-Bank u l-kont taghhom kien gie kreditat.

L-appellant **Daniel Orsini** ma xehdx f'dawn kif kellu kul dritt pero' irrilaxja stqarrija li tinsab esebita fl-atti a fol. 13 et seq tal-process datata 20 ta' Dicembru, 2019. Spjega li kien jahdem ma Chevron Services Limtied fuq ingenji tal-bahar u *street adverts.* Qal ukoll li jokkupa l-kariga ta' CEO ma Montekristo Estates. Ikkonferma ukoll li jaghmel parti minn Cospicua Boating Group u dan mis-sena 2016 bahla parti mill-amministrazzjoni u dan ghaliex qabel kien semplici Membru. Dakinhar kellu l-kariga ta' Segretarju Generali ta' l-Ghaqda. Bhala segretarju jiehu hsieb il-karti u imexxi l-laqghat. Mistoqsi jekk ghandux x'jaqsam mal-hrug ta' pagamenti li jsiru f'isem l-Ghaqda jghid li iva ghadu. Muri id-dokument datat 27 ta' Gunju, 2016 iffirmat minnu u minn Dr Roberta Fenech jghid li jaghrfu. Bhala l-*handover* li inghatat mis-Segretarju Generali ta' qablu lilu. Hemm spjega tat-dokumenti kollha relatati mal-ghaqda. Fost dawn id-dokumenti hemm ic-*cheque books* fejn dakinhar ma kienux ghaddew il-pagni u ghalhekk assuma li kollox kien tajjeb. Il-firem fuq dan id-dokument gew konfermati minnu. Ikkonferma li kien inghata din id-dokumentazzjoni minghand is-Sinjuri Butters. Mistoqsi jekk ic-*cheque book* ghadux ghandu jghid li le, ghaliex wara li kien inqala' dan il-kaz hallew ic-cheque book il-Bank. Mistoqsi jekk qatt uza dan ic-*cheque*

*book* jghid li le qatt ghalkemm kien awtorizzat juzah bil-kariga li kellu. Jghid li kien firmatarju ta' dan il-kont. Sa dak iz-zmien qabel ma sar Segretarju ic-cekkijiet kienu jigu iffirmati mill-konjugi Butters kif ukoll minn David Bartolo Muri ic-cekk bin-numru 18 datat 12 ta' Lulju, 2016 fl-ammont ta' €488 intestat lil James O' Flaherty jghid li dwaru ma jaf xejn. Jghid li huwa qatt ma ipprezenta dan ic-cekk. Sar jaf bih meta infurmawh tal-bank BOV. Jghid ukoll li kien cempillu James O' Flaherty u qallu li kien mar ghandu xi hadd mill-haddiema tieghu u hallilu cekk li bbownsja. Mistoqsi jekk kienx kiteb fuqu jghid li le u ma jafx x'tirrappresenta din is-somma

Muri cekk iehor numru 33 datat 13 ta' Lulju, 2016 fl-ammont ta' €304 ukoll intestat lil James O' Flaherty u jghid li dan kien gie prezentat lilu minn James O' Flaherty meta mar ta' Xbiex jiltaqa' mieghu. Innota li l-kitba fuq dawn iz-zewg cekkijiet mhumiex l-istess u qallu li kien hallihom haddiem minn tieghu. Innota li fuq wiehed minnhom kien hemm isem 'Wayne' fuqu. Insista ma dan James sabiex jghidlu min kien il-haddiem li mar bihom u qal li James ma kienx kapaci jghidlu. Mistoqsi ta' xhiex inhi din is-somma ta' €304 jghid li ma jafx. Mistoqsi min hu Wayne jghid li ma jafx salv li kellu haddiem li jismu Wayne pero' ma jista'x jghid jekk kienx hu li hadlu ic-*cheque book* Jghid li huwa kien izomm il-karti kollha tal-Ghaqda fuq ix-xoghol go *wall unit*.

Muri ic-cekk numru 39 fl-ammont ta' €700 pagabbli lilu stess jghid li ma kienx jaf xejn dwaru hlif meta kienet cemplitlu is-Sinjura Manicaro u qaltlu bih. Qaltlu li kellha cekk minn tieghu li ma ssarrafx. Jghid li dan ic-cekk l-HSBC ghall-ewwel accettatu u ghalhekk dam ma sar jaf bih. Jghid li dan ic-cekk huwa mahrug f'ismu izda depositat fil-kont ta' Manicaro. In oltre jghid li c-cekk suppost kellu zewg firem izda kellu wiehed biss. Mistoqsi jekk kienx kiteb ic-cekk hu jew jekk kienx iffirmah hu jghid li le mhux hu kien kitbu u lanqas ma kien hu li iffirmah. Mistoqsi kif kien baqa' ma dawn in-nies u cioe' ma James O' Flaherty u il-konjugi Manciaro jghid li spicca hallashom hu minn butu. Dan ghamilha ghax minghajrhom ma setax jahdem kienu is-suppliers

tieghu Qal li la c-cheque book kien gie fdat lilu hass li kien responsabbli u ghalhekk kien ghamel il-hlas.

Mistoqsi jekk ghadux izomm l-istess kariga jghid li iva rega ffaccja elezzjoni u rega' gie elett. Ghamel zmien fejn kien irrizenja bil-buona volonta tieghu izda rega imbaghad rega beda bl-istess kariga. Jghid li huwa kien jaf li dawn ic-cekkijiet ma setghux jigi imsarfa ghaliex fil-kont ma kienx hemm flus u allura jghid li ma tghamilx sens li johrog ic-cekkijiet. Ma dawn iz-zewg suppliers huwa kellu sistema ta' kreditu fis-sens li seta jixtri dak li kellu bzonn u ihallas zmien wara. Lil O Flahertty gieli kellu itih is-somma ta' €20, 000, Qal li apparti li huwa firmataarju ta' din l-Ghaqda huwa ukoll l-firmatarju ta' club iehor u cioe' ir-Regatta Club tal-Birgu u minn hemm jaghddu ammonti kbar ta' flejjes u huwa ukoll firmatarju bhala Aassistant President fil-Vittoriosa Stars fejn ukoll huwa responsabbli ghal hlasijiet li jsiru. Dejjem zamm reputazzjoni tajba ma kul fejn kien imexxiu dan minghajr ma halla l-icken dubbju fit-tmexxija tieghu. Dejjem jinsisti fejn imexxxi hu li l-affarijiet jimxu sew u skond il-finanzi ta' fejn ikun.

Ikkunsidrat..

Illi il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti u dwar dan ma hemmx kontestazzjoni. L-appellant ghamel xi zmien Segretarju tal-Ghaqda Cospicua Boating u f'dan iz-zmien inhargu tlett cekkijiet ta' Ghaqda allegatament bil-firma tieghu, tnejn minnhom intestati lil James O' Flaherty u wiehed minnhom intestat f'isem l-istess appellant ghalkemm kien gie *endorsed* u depositat fil-kont tal-konjugi Manicaro. Illi jirrizulta ukoll li nhar is-27 ta' Gunju, 2016 kien sar *hand over* ta' diversi oggetti *inter alia* BOV Cheque book No 22654002082588 u dan mis-Sinjuri Butters ghal ghand l-appellant u dan fil-presenza ta' Dr Roberta Fenech skond DOK DC1 esebita fol. 28 ta' l-atti processwali. Ili ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk il-Prosekuzzjoni irnexxilhiex tipprova ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li c-cekkijiet li ma ssarfux inhargu minn idejn l-appellant u li kienu hu li iffirma fuqhom u ghamel uzu minnhom.

Fl-ewwel lok l-appellant gie akkuzat u misjub hati tar-reat ta' frodi kif kontemplat fl-artikolu 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-appellant ghalkemm isostni li m' ghandux jinstab hati jghid li in pessimal ipotesi ghandu jinsab hati tar reat ta' frodi innominat kif dispost fl-artikolu 309 tal-kodici Kriminali

Id-differenza bejn ir-reati ipotizzati fl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ppronuncjat ruha dwar il-hrug ta' cheques fil-kawza **Il-Pulizija vs Simon Baldacchino Barthet**:

*"Illi f' materja ta' emissjoni ta' cheques li sussegwentement ma jigux onorati mill-Bank li fuqu jkunu inhargu, l-gurisprudenza nostrana esprimiet ruha f' diversi sentenzi. Hekk, f' cirkostanzi analogi din il-Qorti diversament preseduta addirittura rriteniet li jkun hemm ir-reat ta' truffa meta jigi emess cheque li ma jigix onorat mill-bank anki meta precedentement il-kwerelant gja jkun kellu problemi biex isarraf cheques tal-kwerelat u tali sitwazzjoni b' ebda mod ma tkun tfisser li bejjiegh ikun dispost li jikkonsenjamerkanizija "on account". Anki fejn umbaghad wara l-appellant ikun hallas, dana xorta wahda ma jfissirx li ttruffa ma tkunx saret"*[6]. (**Il-Pulizija vs. Olaf Cini**[7]**).**

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Franco Farrugia** [8], gie ritenut li:-

---

[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-13 ta' Novembru, 2008. App. Krim. Nru. 118/2008. Onor. Imhallef J. Galea Debono. 8

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Gunju, 2002

[8] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta' Frar, 1985 Vol LXIX p 596

*"Il-hrug ta' cheque fuq kont bla flus, jista' jkun proprju l-mezz tal-ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali, bil-konsegwenti gwadann ghall-agent"*

Fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Emmanuel Ellul[9]</u>**, ] gie ritenut li :-

*"Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe' li dawn l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga komplikata jew arkitetta b' hafna pjanijiet; in fatti l-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggiri jistghu jiehdu.*

*Fost dawn hemm issitwazzjonijiet ta' meta persuna b' kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simulazzjoni taghti x' tifhem li ghandha flus meta m' ghandhiex. Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont inkwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b' wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna."….*

*Hu minnu li f' dan il-kaz l-Ewwel Qorti ma sabitx htija taht l-artikolu 308, imma dan ghamlitu mhux ghax ma kienx hemm il-qerq biex minnu jsir il-qliegh, imma ghax dan il-qerq ma kienx akkompanjat mill-messa in scena li hi element indispensabbli biex tinstab htija tar-reat ta' truffa kontemplat f' dak l-artikolu.*

*Pero'' dan ma jfissirx li ma jissussistix ir-reat kompriz u involut ta' frodi innominata skond l-artikolu 309 u ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha li fil-waqt li lliberat mill-akkuza ta' truffa, sabet htija tal-frodi innominata.*

[9] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-20 ta' Gunju, 1997

Imma l-kaz prezenti hu ghal kollox differenti ghax, minnhabba l-hrug tac-cheques, l-appellant materjalment akkwista l-konsenji tal-merkanzija ghad-dannu patrimonjali ta' min ma kienx jeffettwa tali konsenja jekk mhux versu l-korrispettiv tal-prezz. (ara ukoll: **Police vs. Anthony Francis Willoughby**[10], **Il-Pulizja vs. Daniel Frendo[11]** App. Krim. [5.3.1994] u l-**Il-Pulizija vs. Carmel Cassar Parnis[12]** )"[13]

In tema legali kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Francis Willoughby** li:

"Fil-ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf partimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent (**Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul**[14], ara wkoll **Il-Pulizija v. Daniel Frendo**[15]).

Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju ghax tkun giet ingannata, volontarjament taghti xi haga lill-agent **(Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis**[16]. Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f' "raggiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mise en scene – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi

---

[10] Appell Krimiinali deciz nhar it-12 ta' Frar, 1999

[11] Appell Krimiinali deciz nhar il-5 ta' Marzu, 1994

[12] Appell Kriminali deciz nhar it-2 ta' Dicembru, 1959. Vol. XLIII.iv.1137

[13] Vide ukoll Il-Pulizija vs John Christopher Martin, App. Krim Nru.277/2005, Qorti tal-Appell Kriminali, Imhallef J. Galea Debono, 19 ta' Jannar, 2006

[14] Appell Kriminali deciz nhar l-20 ta' Gunju, 1997

[15] Appell Kriminali deciz nhar il-25 ta' Marzu, 1994

[16] Appell Kriminali deciz nhar it-12 ta' Dicembru, 1959. Vol. XLIII.iv.1140

nnominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost ohrajn, **<u>Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis</u>**[17]; **<u>Il-Pulizija v. Francesca Caruana</u>**[18], App. Krim., 25/7/53, Vol.XXXVII.iv.1127; ara wkoll **<u>Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer</u>**[19]).”

fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Etienne Bartolo et</u>** ghamlet studju approfondit dwar ir-reati previsti bl-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali:

*simulando cio che non esiste, sia dissimulando... cioe' che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonie a farla scambiare per verita..... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.*

***Antolisie** jkompli jghid pero' li nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa*[20]

Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

**Fl-ewwel lok** bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

**Fit-tieni lok** il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-

---

[17] Op/ Cit no. 12

[18] Appell Kriminali deciz nhar il-25 ta' Lulju, , 1995. Vol.XXXVII.iv.1127

[19] Appell Kriminali deciz nharit-3 ta' Marzu, 1956

[20] Manuale Di Diritto Penale (Giuffre) pagna 356

ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

**Fit-tielet lok** hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew

b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew

c. ta' kwalifiki foloz jew

d. billi jinqieghda b'qerq iehor u

e. ingann jew

f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,

g. jew ta' hila

h. setgha fuq haddiehor jew

i. ta' krediti immaginarji jew

j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi.

Illi l-**artikolu 309** tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza **Il-Puliizja vs**

**Carmela German**[21]: *"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."*

Illi inkwantu ghall-mertu tal-kaz, referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Debono**[22]:

*"Illi sentenza fejn il-fattispecje taghha kienu jirrigwardaw proprju cekk mhux onorat hija dik moghtija millQorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuele Vella** deciza fl-20 ta' Gunju, 1997 fejn il-Qorti stqarret*:

*"Issa dak li ghamel l-appellant cioe' li hareg cekk meta fil-kont ma kellux fondi, ghalkemm certamentkien hemm l-element tal-qerq ma jista'x jinghad li f'dana il-kaz induca lil xi hadd milli jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga bi hsara ghal dak ix-xi hadd u bi qliegh ghalih." Il-Qorti tkompli tispjega illi fi kliem iehor ma hemmx u ma setax ikun hemm in-ness mehtieg bejn il-qerq adoperat mill-imputat u xi att ta' kummissjoni jew ommissjoni da parti tal-parti leza. Il-Qorti izzid illi peress illi dana in-ness huwa ukoll mehtieg ghall-finijiet tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 lanqas ma jista' jissussisti f'dana il-kaz ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309.*

*F'dana il-kaz ghalhekk l-element essenzjali ghal kummissjoni tar-reat tat-truffa u cioe' illi bl-agir tattruffatur huwa ikun induca lill-vittma fi zball li permezz ta' dana l-izball il-vittma*

---

[21] Appell Kriminali deciz nhar it-30 ta' Dicembru, 2004

[22] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fl-14 ta' Lulju, 2010

*jaghmel jew jonoqs milli jaghmel xi haga bil-konsegwenza li issofri telf patrimonjali u bil-korrispondenti qligh ghall-agent certament ma jissussistiex f'dana il-kaz."*

Illi l-ewwel Qorti iccitat diversi sentenzi fir-rigward dan ir-reat u fl-ahhar parti abbinat il-fatti li rrizultaw lilha mill-provi prodotti ghar-reati li bihom gie akkuzat l-appellant. Dwar l-ewwel Akkuza u cioe' dik ta' frodi jirrizulta li verament kien hemm firma wahda fuq it-tlett cekkijiet li alleatament tghajjat lill-appellant. Pero' l-appellant invesitgat *a tempo vergine* tal-investigazzjoni jichad li kien hu li ffirma it-tlett cekkijiet. Jghid pero' li stante li huwa kien responsabbli ghaz zamma ta' dan ic-cheque book hass l-obbligu civili li ihallas il-flejjes li gew imhalsa li O' Flaherty u lis-Sinjuri Manicaro u dan ghaliex skond l-istess appellant ma kellux triq ohra peress li O' Flaherty u Manicaro huma l-agenti tieghu tal-mercja li huwa jixtri ta' sikwit sabiex jahdem bihom. Jghid fl-istqarrija rilaxxjata minnu li ma kellux triq ohra salv li ihallas dawn id-debiti tal-Ghaqda. Jirizulta ukoll ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti li O' Flaherty qal li wiehed mic-cekkijiet kien kitbu hu pero' l-iehor ma kienitx l-kitba tieghu. Jghid pero' li min mar biz-zewg cekkijiet gja kellu l-firma fuqhom u dawn gew moghtoija *over the counter*. Jghid li darba minnhom kien prezenti pero' ma setghx jiftakar min kien attwalment mar b'dan ic-cheque waqt li fit-tieni okkazjoni zgur li ma kienx hemm mal-*counter* ghaliex lanqas il-kitba fuq ic-cheque ma kienet tieghu. Jispjega li bhala prattika min imur bic-cheque jikteb ismu fuq il-parti ta' wara u f'dan il-kaz hemm l-isem ta' Wayne fuq wiehed mic-cekkijiet u l-appellant jghid li dak iz-zmien kellu impjegat bl-isem ta' Wayne.

L-Prosekuzzjoni ma talbet l-ebda perizja sabiex jigi stabilt jekk l-kitba fuq dawn ic-cekkijiet jew il-firma fuqhom kienitx tal-appellant. Prova wahda li effettivaent kien l-appellant li hareg dawn ic-cekkijiet u mar ihallas bihom ma hemmx fil-process salv dak li stqarret is-Sinjura Manicaro fir-rigward tac-cheque li kien intestat lill-istess appelant.

**Fir-rigward tac-cheque li inghata lil Mary Grace Manicaro**, din ikkonfermat fix-xhieda taghha li ma gietx kontradetta mill-appellant li l-appellant kien mar ghandhom u hallas permezz ta' cekk li kien gie muri lilhom. Tghid pero' li Orsini kien mar bih ghandhom waqt li c-cekk kien gja iffirmat meta gie prezentata lilhom. Mistoqsija x'ghamlet b'dan ic-cekk tghid li ddepositatu l-Bank u l-kont taghhom kien gie kreditat momentarjament. Jirrizulta pero' mill-atti u appuntu anke minn dak li stqarr l-appellant stess fl-istqarrija tieghu li kiem jaf li ic-cheque ma setax jigi imsarraf jekk biss b'firma wahda u in olte kien jaf li ic-cekkijiet sa dak l-istadju setghu jigi iffirmati BISS mill-konjugi Butters u David Bartolo u cioe' tnejn minnhom. Ghalhekk meta pprezenta dan ic-cheque kien jaf li ma setax jigi onerat. L-appellant bl-agir tieghu ipprova igieghel lil Manicaro jemnu liic-*cheque* li gie moghti lilhom seta jissarraf minkejja li kien jaf li dan ma kienx possibli. Ghalhekk inganna lil Manicaro billi inqieghda b'qerq u cioe' l-uzu ta' cheque li ma kienx jista' jigi msarraf u ghalhekk ikkreja kreditu immaginarju b'dak li ghamel. Ma hemmx dubju li l-appellant ghamel uzu minn isem falz bili inganna l-kwerelanti billi kkreja kreditu immaginarju bl-intendiment li jaghmel qliegh bi hsara ta' l-istess kwerelanti. Ghalhekk din il-Qorti bhall-ewwel Qorti qed issibu hati tar-reat ta' frodi kif kontemplat fl-artikolu 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Dwar it-tielet akkuza u cioe' dik ta' falsiffikazzjoni ta' att awtentiku u pubbliku b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq l-pattijiet disposizzjonijiet u obbligi foloz minn obbligi ghad-detriment ta' Cospicua Boating Group u/jew James O' Flaherty. Illi jirrizulta li f'dan il-kaz l-Prosekuzzjoni ma ipprovatx li kien l-appellant li mela dawn ic-cekkijiet jew li kien hu li ffirmhom. Is-Sinjuri Manicaro jghidu li ic-cheque kien gja miktub meta l-appellant mar biex jigbor l-affarijiet li kien xtara waqt li O' Flaherty jghid li zgur ma kienx prezenti meta wiehed mic-cekkijiet gie prezentata u fir-rigward l-iehor kien hu li imlieh. Kien jaghmel hafna sens li kieku l-Prosekuzzjoni talbet ghan-nomina ta' espert fil-kaligrafija u dan ghaliex kien isir analizi tal-kitba fuq ic-cekkijiet mal-kitba tal-appellant pero' dan ma sarx u

ghalhekk kuntrarjament ghal dak li iddecidiet l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma hiex ser issibu hati ta' dan ir-reat.

Dwar ir-raba' akkuza li instab hati taghha u cioe' talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi ghamel uzu minn dokument ta' Cospicua Boating Group liema dokument kien jaf li hu falz. Jinghad li l-appellant kien jaf li ic-cekkijiet tal Cospicua Boating Group kellhom bzonn zewg firem biex ikunu jistghu jigu imsarfa u f'dan il-kaz firma wahda biss kien hemm li allegatament tghajjat lilu. Huwa jghid li qatt ma pprezenta dawn ic-cekkijiet izda semmai jista' jkun li xi haddiema minn tieghu hadlu xi cekkijiet. Pero' MaryGrace Manicaro tghid li l-appellant kien hu li pprezenta cekk *across the counter* u ghalhekk fid-dawl ta' din ix-xhieda din il-Qorti ukoll qed isibu hati tar-reat ta' uzu ta' dokument falz ghaliex kien jaf li dak ic-cheque kien falz u cioe' li l-firmatarji fuqu ma kienux dawk intitolati li jiffirmaw. Ghalhekk dan ir-reat jissusisti ukoll. Il-falsita sta nel fatt li huwa ipprezenta cheuqe allegatament bil-firma tieghu meta kien jaf li l-firma ma kienitx tieghu u li dak ix-xheque kellu ikollu zewg firem ohra. Il-fatt li l-appellant xorta ipprezenta dan ic-cheque ifisser li kien koxjenti tal-falsita tac-cheque u li permezz tieghu ipprova jinganna lill-konjugi Manicaro zgur.

Din il-Qorti ghalhekk sejra tilqa' l-appell tal-appellant *in parte* billi tikkonfermaha fir-rigward tas-sejba ta' htija ai fini ta' l-ewwel u ir-raba' akkuza u ma ssibux hati tat-tielet akkuza minn liema akkuza qieghda tilliberah.

Jirrizulta li l-fedina penali tal-appellant hija wahda kkulurita hafna qisha librett b'21 *convictions registrati* fuqha. Pero' minn ezami ta' l-istess ma jirrizultawx reati simili ghal dawk li qed jinsab hati taghhom illum. Rat pero' li l-appellant kien gja hallas lill-allegati vitmi f'dan il-kaz u ghalhekk m'ghandhomx pretensjonijiet monetarji fil-konfront tieghu. Jirrizulta ukoll li l-appellant ghadu igawdi mill-fiducja tal-membri ta' Cospicua Boating Group u dan ghaliex xorta gie elett darbtejn wara li sehh dan l-allegat kaz.

Ghaldaqstant din il-Qorti stante li qed issibu hati ta' reat inqas minn dak misjub mill-ewwel Qorti stante li ma hiex qed issibu hati tat-tielet akkuza u qieghda tirriduci l-perijdu ta' prigunerija li gie kkundannat jaghmel skond l-ewwel sentenza stante li qed jinstab hati ta' l-ewwel u r-raba' akkuzi u minflok is-sentejn prigunerija qieghda **tikkundannah tmintax-il xahar prigunerija sospizi ghal erba' snin,**

Il-Qorti spjegat fi kliem car ir-responsabilita' tieghu taht l-Artikolu 28A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta f'kaz li jikkommetti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' din l-istess sentenza.

Tastenji milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzjoni sabiex tikkundanna lill-appellant ihallas l-ispejjez ta' esperti, stante li ma kienx hemm esperti li gew nominati f'dan il-process.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Vera kopja**

**Adrian Micallef**
**Deputat Registratur**